MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 854/2005

**John Abela f`isem is-socjeta` civili Horwath (Malta)**

**vs**

**Cole Foods Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-16 ta` Settembru, 2005, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta` konvenuta, Cole Foods Ltd, hija debitrici ta` Horwath (Malta), socjeta` civili, ditta ta` awdituri, fis-somma ta` sebat`elef disa` mija u wiehed u tletin Liri Maltin u centezmu (Lm7,931.01) rapprezentanti drittijiet professjonali ta` awditur u xoghol relatat ordnat mill-istess socjeta` konvenuta kif jidher mid-dokumenti hawn anness u mmarkat bhala HM01;

Ghalkemm interpellata diversi drabi, kif ukoll permezz ta` ittra ufficcjali datata 15 ta` Gunju, 2005, sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

‘L fuq imsemmi ammont li qed jigi mitlub minghand is-socjeta` konvenuta huwa cert, likwidu u dovut;

Is-socjeta` konvenuta m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti in kontro-trattazzjoni tat-talbiet tas-socjeta` attrici u ghalhekk jipersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-artikli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` sebat`elef disa` mija u wiehed u tletin Liri Maltin u centezmu (Lm7,931.01).

Bl-imghax u spejjez ohra inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju numru …..

Is-socjeta` konvenuta minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-21 ta` Ottubru, 2005, li in forza tieghu, gie koncess lis-socjeta` konvenuta l-fakulta` li tikkontesta l-kawza, inghatatilha terminu ghall-presentata tan-nota tal-eccezzjonijiet, u ordnat li l-kawza tipprocedi bil-procedura normali;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. Qabel xejn ma hux car min huma l-atturi f`din il-kawza u cioe` jekk hux id-ditta ta` awdituri Horwath (Malta) jew is-socjeta` civili Horwath (Malta) stante illi l-okkju tal-

kawza huwa differenti mill-okkju tad-dikjarazzjoni ta` l-attur.

2. F`kaz illi l-attrici hija d-ditta ta` awdituri Horwath (Malta), l-azzjoni hekk kif promossa hija nulla stante illi ditta hija biss isem li bih negozjant imexxi n-negozju tieghu u bhala tali ma ghandhiex personalita` guridika ghax hija biss isem.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, f`kaz illi s-socjeta` attrici hija s-socjeta` civili Horwath (Malta) ghandha tingieb prova li effettivament is-socjeta` civili Horwath (Malta) hija debitament registrata, inkluz id-data meta giet hekk registrata.

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, parti sostanzjali mis-servizzi hekk kif elenkati fl-*"statement of accounts"* markat bhala Dok. B kienu fil-fatt ordnati u rezi minn John Abela fil-kapacita` tieghu personali.

5. Fi kwalunkwe kaz, is-socjeta` konvenuta qatt ma giet infurmata illi l-obbligazzjonijiet assunti minn John Abela kienu ghaddew ghand persuna ohra.

6. Fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa eccessiv stante illi ghalkemm fil-kawzali tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni odjerna l-ammont mitlub jirrapprezenta drittijiet professjonali ta` awditur u xoghol relatat, mill-istess *"statement of accounts"* anness mac-citazzjoni bhala Dok. B jirrizulta illi hemm diversi items li ma jaqghux taht il-mansjoni tax-xoghol ta` awditur imma huma *"accountancy"* u ghalhekk ma jistghux jintalbu minn awditur.

7. It-talbiet mressqa huma preskritti ai termini ta` l-Artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f`din il-kawza, l-attur qed jitlob hlas rapprezentanti drittijiet professjonali ta` awditur u xoghol relatat ordnat mill-istess socjeta` konvenuta. L-ammont mitlub huwa ta` Lm7,931.01. Is-socjeta` konvenuta tecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi preskrizzjoni ta` sentejn fir-rigward ta`:

*(c) l-azzjonijiet ta` l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu".*

It-talba tal-attur tikkoncerna servizzi rezi mill-10 ta` Dicembru, 1997, sat-30 ta` April, 2005. Jidher, pero` li saru diversi *payments of account*, fosthom fid-19 ta` Novembru, 1998, f`Settembru u Dicembru tas-sena 1999, f`Gunju tas-sena 2000, f`Novembru tas-sena 2002, u fil-5 ta` Dicembru, 2002. Dan ifisser li kien hemm interruzzjoni regolari tal-preskrizzjoni b`pagamenti akkont li kienu jsiru (artikolu 2134 tal-Kodici Civili). Ghalkemm bejn l-ahhar pagament akkont u l-ftuh ta` din il-kawza ghaddew aktar minn sentejn, jidher ukoll li d-diretturi tas-socjeta` konvenuta iffirmaw kambjala tal-valur ta` Lm500 mahruga f`Lulju, 2004, li ghalkemm ma gietx onorata, isservi biex tinterompi l-preskrizzjoni.

Kwindi l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta qed tigi michuda.

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet ohra tas-socjeta` konvenuta, jirrizulta mid-dokumenti esebiti li l-attur John Abela, li qabel kellu ditta ta` awdituri bl-isem John Abela & Co, baqa` jahdem mal-istess ditta issa maghrufa bl-isem ta` Horwath (Malta). Din id-ditta hija registrata mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerc skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 281 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk, l-obbligazzjonijiet assunti minn John Abela qatt ma ghaddew ghand persuna ohra, izda li gara kien

semplicement li John Abela ghamel *"re-structuring"* ta` kif jigestixxi l-professjoni tieghu.

Inoltre, skond il-ligi, mhux kumpaniji biss ghandhom personalita` guridika, izda kull ghaqda jew assocjazzjoni ta` persuni hija *"persuna"* fis-sens legali (ara artikolu 4(d) tal-Att dwar Interpretazzjoni 1975 u "Malta Dairy Products Ltd vs General Workers Union", deciza minn din il-Qorti fit-3 ta` Novembru, 2000). Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Agius", deciza fl-4 ta` Ottubru, 1991, assocjazzjoni ta` persuna hi ghaqda ta` natura civili u allura persuna guridika, *"jigifieri soggett tad-dritt u kapaci li takkwista drittijiet u tassumi obbligazzjonijiet, u ghandha ukoll id-dritt li tkun rapprezentata minn persuna jew persuni fizici li jidhru ghaliha"*.

Ghar-rigward il-meritu tat-talba, l-attur ressaq prospett tas-servizzi minnu rezi fl-interess tas-socjeta` konvenuta, u dak il-prospett ma giex kontrodett bi provi appoziti. Hu veru li l-oneru tal-prova hu generalment mixhut fuq l-attur, pero`, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bonnici vs Patrick Cachia & Sons Ltd", deciza fit-3 ta` Marzu, 2006, darba li attur jixhed u jesebixxi statements dettaljati ta` dak li jkun qieghed jitlob bhala sorte, l-oneru tal-prova biex iwaqqghu l-pretensjoni attrici daru fuq il-konvenut. Dan hu konformi ma dak li jghallem il-Mattirolo (*"Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano"*, Vol. III, 5ta. cd. Pagna 382) fis-sens illi:

*"Se l`attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell`attore, dovra`, dal suo conto, dare la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e` fondata la sua eccezione: onde la massima* ***'onus probandi incumbit actori'****, vuol essere completata con quest`altra* ***'reus in excipiendo fit actor'****.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet esposti, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, tilqa` t-tieni talba tal-attur, u tikkundanna lis-

socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta` Lm7,931.01 (sebat`elef disa` mija u wiehed u tletin Liri Maltin u centezmu) ghas-servizzi rezi, bl-imghax legali mill-16 ta` Settembru, 2005, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------